MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 344/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin J. Farrugia)**

**v**

**Helen Gauci ta' 56 sena mwielda Birkirkara nhar l-1 ta' mejju, 1950, bint Carmelo Gauci u Rosina Gauci nee Sammut u residenti gewwa 'Helen', Flat Numru 4, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 430550 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Helen Gauci li giet akkuzata talli gewwa l-fond numru 19, Triq G. Grech

Delicata, Birkirkara u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta' Marzu, 2005 u fil-jiem ta' qabel;

(1) ikkommettiet serq ta' propjeta' (deheb, laham, flus u oggetti ohra) ghad-dannu ta' Helen Azzopardi liema serq huwa kkwalifikat bil-valur izjed minn mitt lira, bil-persuna, bil-lok u dan ai termini tal-artikolu 261, 267, 279 (a) 268 (b) u 269 (g) tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) laqghat ghandha jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti (deheb, laham, flus u oggetti ohra) ai termini tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni konfermata llum seduta stante.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzata ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Semghet il-psikjatra Dr Joseph Spiteri li xehed illi l-akkuzata kellha u ghad ghandha kapacita' di 'volere e intendere'.

Illi ghalhekk accentant l-ammissjoni ta' l-istess Helen Gauci qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 279, 268, 269 tal-Kapitlu 9 (tqis li r-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 huwa wiehed kompriz u nvolut fir-reat principali ta' serq).

Rat il-fedina penali, tqis li stante c-cirkostanzi jkun opportun li titqieghed taht conditional discharge li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------